MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 769/2003

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici, ippremettiet: li l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Mejju 1988, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, D imwielda fil-11 ta' Frar 1990 u E imwieled fid-9 ta' Jannar 1995; li z-zwieg bejn il-partijet tkisser irrimedjabbilment u l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli minhabba f' adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti tal-konvenut fil-konfront taghha; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni skont il-ligi sabiex tressaq l-istanza odjerna; ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti: [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji

gravi mwettqa mill-konvenut fuq l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; [2] tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri D u E ahwa B lill-attrici salv access lill-konvenut; [3] tiffissa retta alimentarja ghall-attrici u ghal wild minuri imsemmija u tordna lill-konvenut ihallasha dik ir-retta hekk stabbilta, b'dawk il-modalitajiet kollha li jidrulha xierqa inkluz provvediment ghall-awment perjodiku tal-manteniment sabiex jaghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja; [4] tapplika fil-konfront tal-konvenut d-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48 , 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte; [5] tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu divisi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi din l-Onorabbli Qorti tistabilixxi data u tordna li l-akkwisti li ikunu saru bix-xoghol u hila tal-attrici minn dik id-data `l quddiem, jibqghu biss a beneficcju taghha, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relativ u kuratur biex jirrapresenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att; [6] tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il-beni kollha parafernali u dotali taghha; [7] tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut; bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri inkorsi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ghall-awtorizzazzjoni u tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 35/03P.A. fl-ismijiet kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut ecepixxa: li d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontriha stante illi mhux minnu li l-konvenut sar hati ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ngurji gravi kif allegat l-attrici. Kienet l-istess attrici li minhabba li 'birdet' mill-konvenut kif ammettiet hija stess mieghu u ma' diversi persuni ohra tant li telqet mid-dar konjugali biex tkun tista' tghix hajja libera li fost hwejjeg ohra tikkonsisti billi tmur tiddeverti Paceville ma' habibitha sas-sieghat bikrin ta' filghodu u sahansitra tiehu maghha lil bintha minuri D biex tippartecipa f'dan ix-xalar, illi tat lok ghas-separazzjoni in kwistjoni;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku l-AIC Mario Cassar; [Vol. 4 – fol. 1185 et seq];

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Anna Mallia; [Vol. 5 – fol 1570 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits tal-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet maghmula mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Minn naha tieghu l-konvenut attribwixxa t-tort tal-firda esklussivament lill-attrici.

**Separazzjoni Personali**

Illi l-partijiet izzewgu fl-1 ta' Mejju 1988, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, D imwielda fil-11 ta' Frar 1990 u E imwieled fid-9 ta' Jannar 1995, u li ghalhekk illum huma maggiorenni. Illi fil-5 t'Ottubru 2010 iz-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null.

*Verzjoni ta' l-attrici*

L-attrici tghid li l-konvenut minn dejjem kien vjolenti, sahhansitra fir-relazzjoni li kellu qabel ma ltaqa' maghha, l-ewwel episodju ta' vjolenza kien ftit qabel ma l-partijiet izzewgu u skond l-attrici anke fil-*honeymoon* kien hemm incident fejn il-konvenut refa' idu fuq l-attrici. Hija ssostni li l-konvenut baqgha jerfa' idu fuqha anke waqt li hija kienet qed tistenna l-ewwel tarbija taghhom tant li meta

kellha tmien xhur tqala tirrakonta incident fejn "*kien beda jsawwatni; kien beda jghajjat hafna, beda jtini fuq wicci u anke fuq rasi, u kien qisu ntilef minn sessih bir-rabbja li kellu*"[1]. Dakinhar, l-attrici hasbet li kienet ser titlef it-tarbija. Kien hemm incident iehor fejn l-attrici tghid li giet imsawta mill-konvenut u ohtu meta kellha lit-tarbija f'idejha, tant kienet serja li l-attrici tghid li wara dan l-incident hija marret tghix m'ommha bit-tifla, izda wara madwar xahar iddecidiet li tahfer lill-konvenut u regghet lura d-dar fejn xorta kompliet il-vjolenza. L-attrici tghid li "*C kellu l-vizzju li jibqa' jara it-television sa tard bil-lejl, cioe' anke wara li jien inkun mort norqod. Jien ma nafx x'kien ikun qed jara pero' naf li mbaghad kien jigi fis-sodda f'xi s-siegha jew is-saghtejn ta' filghodu u jkun irid ikun intimu mieghi minkejja il-mod hazin kif kien jittrattani. Meta hu kien jara' li jien ma rridx, kien itini daqqa' ta' sieq fuq il-kustilji tant li jwaqqani minn fuq is-sodda ghal ma' l-art. Imbaghad, kien ikeccini barra mill-kamra u kien ighidli mmur norqod x'imkien iehor. Jien kont nibza' minnu peress li kont naf kemm kien aggressiv u ghalhekk kont immur norqod fuq is-sufan*"[2].

L-attrici tirrakkonta kif il-konvenut ma kienx idur biha, ma kienx imur il-visti tat-tabib meta kienet tqila u meta twieldet it-tarbija huwa mar jaraha darba u fis-sitt ijem li l-attrici baqghet l-isptar il-konvenut ma regax mar jarahom. Tant li marret id-dar bit-tarbija ghax marret ghaliha ommha. Fit-tieni tqala ta' l-attrici, hija tghid li l-konvenut kien iridha tmur thott mieghu l-merkanzija mill-*containers* minkejja l-fatt li hija kienet tqila u dan hija kienet taghmlu ta' spiss u minhabba dan kienet fir-riskju li titlef it-tarbija. Hija tghid li kienet ghamlet erba' xhur fis-sodda, izda meta kellha tmien xhur tqala bit-tieni tarbija, il-konvenut giegelha tmur tghinu jaghti l-konkos fl-ghalqa fix-xita u spiccat qabditha *bronchitis* konsegwenza ta' dan. Ghal darb'ohra, il-konvenut ma kien jghin xejn lill-attrici skontha. Bhalma kien ghamel fl-ewwel tarbija, il-konvenut mar l-isptar darba u telaq, izda t-tabib kien qal lill-attrici li t-tarbija kellha xi hoss f'qalbha u meta qalet lill-konvenut "*beda jirrabbja*

[1] Vol. 1, fol. 41.
[2] Vol. 1, fol. 43.

*mieghi, u beda jghajjat u jghajjarni li kien it-tort tieghi li ngib it-tfal immankati ghax ghandi demmi negattiv*"[3]. Il-mument li l-attrici marret id-dar, hija tghid li ma kienx ried imur ghaliha l-isptar u kif ra diehla qalla biex titlaq il-pram bit-tarbija u tmur tghinu jarma izda meta hija rrifjutat rega' mar ghaliha u l-attrici telqet ghand ommha ghal xi tlett xhur, l-attrici regghet haffret lill-zewgha ghalkemm l-affarjiet ma marrux ghall-ahjar bejniethom.

Madwar is-sena 1996, wara incident kbir, l-attrici bdiet il-proceduri quddiem is-Sekond'Awla izda regghet hafritlu bil-kundizzjoni li l-konvenut imur ghat-terapija. Il-konvenut, skont l-attrici, mar ghand il-psikjatra Dr. Peter Muscat darba biss, sakemm skada d-digriet tas-Sekond'Awla u wara ma riedx imur aktar. Wara dan l-attrici tghid li baqghu flimkien ghal madwar sitt snin ohra izda l-vjolenza ggravat u ta' dan tghid li ghamlet certifikati u rapporti tal-Pulizija. L-attrici tghid li l-konvenut kien anke aggressiv ma' binthom ta' madwar hdax-il sena peress li kienet taqbez ghall-ommha.

Hija tghid li finanzjarjament il-konvenut ma kellu xejn, kien jahdem ma' huh bennej izda wara z-zwieg mar jahdem ma' missier l-attrici bhala lavrant fil-pompa tal-petrol tieghu, fejn kienet ukoll tahdem l-attrici.

Meta l-attrici qalet lill-zewgha li hija riedet tissepara huwa rega' sar vjolenti maghha tant li qattala l-hwejjeg ta' fuqha u hija harbet u marret tghix barra mid-dar matrimonjali flimkien ma' wliedha.

*Verzjoni tal-Konvenut*

Il-konvenut jghid li huwa beda n-negozju tieghu qabel ma zzewweg lill-attrici peress li kien iben kuntrattur u anke fetah kumpanija li tinnegozja l-bini ma' huh. Huwa jghid li barra dan kellu wkoll hanut f'Bugibba li kien snack bar, liema hanut huwa bieghu qabel iz-zwieg u xtara artijiet mir-rikavat, liema artijiet kienu hdejn il-pompa tal-petrol tal-genituri ta' l-attrici. Il-konvenut issostni li huwa xtara dawn l-artijiet minghajr ghajnuna finanzjarja ta' hadd.

[3] Vol. 1, fol. 44 u 45.

"*Kont bdejt nibnni ix-showroom u l-flats qabel ma zzewwigt u fil-fatt ix-showroom u l-flats kienu fi stat ta' gebel u saqaf qabel ma zzewwigt. Kien biss fl-istadju tal-finishings, li jien zzewwigt lil A B u ghalhekk ix-showroom u l-flats sa l-istadju ta' gebel u saqaf hallast kollox jien dejjem bil-flus tieghi*"[4]. Il-konvenut ikompli jispjega dwar il-propjetajiet u l-mod ta' kif hallas ghalihom, kif ukoll dwar in-negozju li qieghed jigi aktar `l isfel spjegat f'aktar detall.

Il-konvenut jispjega kif l-attrici kienet ukoll tahdem fin-negozju tal-karozzi li kellhom, hija kienet tiehu hsieb l-accounts kollha tan-negozju u l-hlasijiet li kellhom jingabru u jsiru. "*Illi fiz-zwieg bdejt nirrealizza u dan kien madwar is-sena 1996, li marti kienet qed tahbili xi flus. Ghalkemm ma nafx nikteb u naqra imma bdejt ninduna li t-turnover tal-gurnata ma kienx jirrifletti dak li kont qieghed inbiegh kuljum peress li jiena kont is-salesman u ghalhekk bejn wiehed u iehor kont naf x'kont qieghed inbiegh... din kienet wahda mir-ragunijiet li nahseb waslet lili u lill-marti sabiex ninfirdu, peress li oltre li din is-sitwazzjoni ma kintix felici, kien ikun hemm hafna indhil u protezzjoni zejda da parti ta' missier u omm A B, li kienet tinfurmahom b'kull sulluzzu li kien jinqala' bejni u bejn marti*"[5]. Il-konvenut jghid kif martu ma kinitx taghmel xejn minghajr ma tikkonsulta mal-genituri taghha u kwazi kienu l-genituri ta' l-attrici li kienu jiehdu d-decizjonijiet kollha li suppost kellha tiehu l-attrici. Jghid li l-attrici hija tifla unika u m'ghandhiex hutha ghalhekk ir-rabta esagerata li kellha mal-genituri taghha, huwa jirrakonta kif anke waqt qamar il-ghasel hija kienet tibki lill-genituri taghha u dan minkejja li kienet iccempillhom kuljum. Il-konvenut jilmenta wkoll li t-tifel kien jorqod ghand in-nanniet materni u dan minhabba li l-attrici kienet tghidlu li jghajjiha, izda l-konvenut ma riedx li jsir dan u jkun hemm differenzi bejn iz-zewg uliedhom.

Hemm ukoll allegazzjonijiet mill-konvenut dwar adulterju ta' l-attrici, fejn jghid li huwa nnota kambjament f'martu fis-sena 2000. "*... jiena skoprejt li marti A B kellha relazzjoni*

---

[4] Vol. 2, fols 735 u 736.
[5] Vol. 2, fol 736.

*ma' C Zarb mill-Mosta u fejn kienu jiltaqghu gol-horse riding school go Saint Andrew's ta' spiss flimkien mat-tifla tieghi Giannella, Dan kien fl-ahhar tas-sena 2003... ftit wara l-Milied 2003, jiena ndunajt li marti kienet diehla fil-pompa tal-petrol bieb ma' bieb mad-dar go Tal-Barrani Road Tarxien, fejn ipparkjat il-karozza fid-drive tal-pompa tal-petrol fl-4.00pm. Illi huwa hareg mill-karozza mixtrija fiz-zwieg taghna u li huwa tieghu u tal-mara tieghi... mill-karozza fejn kien hemm fid-driving seat C Zarb li kein qieghed isuq, qabel ma hareg mill-karozza taha bewsa lil A, u jiena f'dak il-hin irrabbjajt u ghajjat lill-marti 'Ja ahba' mit-tieqa u kont furjuz peress li A kellha t-tfal maghha u kienet qed tbewwes barrani*"[6]. Il-konvenut jghid li wara C Zarb, l-attrici kellha sieheb iehor u cioe' certu Mario Azzopardi u li jghixu flimkien maz-zewg uliedu wkoll.

*Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi peress li, fost it-talbiet taghha, l-attrici qed titlob li din il-Qorti tordna l-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap.16 fil-konfront tal-konvenut, allura dan necessarjament jirrikjedi li din il-Qorti tiddeciedi dwar il-htija ghas-separazzjoni, stante li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu ghandu bhala bazi legali tieghu, is-sejbien ta' htija ghas-separazzjoni.

Fir-rigward, din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi, tosserva li mill-provi jirrizulta *ex abundantia* li l-konvivenza matrimonjali kienet saret impossibbli ghall-attrici tenut kont tal-vjolenza kommessa mill-konvenut fil-konfront taghha u anke ta' binthom, u dan, fuq bazi abitwali u ripetut. Tant, li f' Settembru 2002 l-attrici kienet kostretta li titlaq mid-dar matrimonjali sabiex tevita aktar vjolenza fuqha. Dan il-komportament abuziv da parti tal-konvenut jinkwadra bhala 'sevizzi' fit-termini tal-artikolu 40 tal-Kap.16 u huwa l-kawza esklussiva tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u wkoll, tenut kont tal-gravita' tieghu, ghandu jittira fil-konfront tieghu s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 fuq citat.

[6] Vol. 2, fol. 742.

Rigward l-allegazzjoni ta' adulterju maghmula mill-konvenut fil-konfront tal-attrici, il-Qorti tosserva li dan ma jirrizultax. Ir-relazzjoni li sussegwentement kellha l-attrici ma kinitx la l-kawza u lanqas kawza tas-separazzjoni, ghax iz-zwieg kien ilu li tkisser bil-komportament vjolent u abuziv da parti ta' zewgha.

Huwa opportun li jigi osservat li, fil-mori tal-proceduri odjerni, iz-zwieg bejn il-partijiet gie annullat fil-5 ta' Marzu 2010, u ghalhekk, minn dak in-nhar l-attrici kienet libera li tittrattjeni relazzjoni ma' ragel iehor.

**<u>Manteniment</u>**
Illi jidher li z-zewg ulied tal-partijiet illum huma t-tnejn maggjorenni, D twieldet fil-11 ta' Frar 1990 u E twieled fid-9 ta' Jannar 1995 u ghalhekk illum ghandhom 23 u 18-il sena rispettivament.

Illi fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2013 l-attrici ikkonfermat bil-gurament quddiem il-Qorti li t-tifel sar maggioreni, izda fadal arretrati ta' manteniment ghat-tifel dovuti mill-konvenut li huma ta' circa 600 euro u dan ghall-perijodu li jestendi sal-20 ta' Jannar 2013"[7]. Dan ma giex ikkontestat mill-konvenut anqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu,. ghalhekk il-Qorti tordna lill-konvenut jghaddi s-somma ta' sitt mitt ewro [€600] lill-attrici bhala arretrati ta' manteniment ghat-tifel tal-partijiet.

Peress li z-zwieg tal-partijiet gie annullat l-ebda manteniment m'ghandu jghaddi bejn il-partijiet.

**<u>Komunjoni ta' l-Akkwisti u Beni Parafernali tal-Paritjiet</u>**

*<u>[1] Immobbli tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti</u>*
Illi l-partijiet jaqblu li l-garaxxijiet, wiehed fi Triq ir-Raheb, Tarxien u zewg garaxxijiet ohra numru 4 u numru 5 fi Triq Gdida li taghti ghal Triq Dun Karm, Tarxien dawn jappartjeni lill-Komunjoni ta' l-Akkwisti.

---
[7] Vol. 5 fol. 1609.

Il-Qorti hatret lill-Perit Tekniku Mario Cassar sabiex jaghmel stima taghhom. Il-valur ta' dawn il-garaxxijiet huma ta' Lm60,000 ghall-garaxx ta' Triq ir-Raheb filwaqt li z-zewg garaxxijiet l-ohra gew valutati li jiswew Lm6000 kull wiehed.

Fir-rigward tal-garaxxijiet iz-zghar bin-numri 4 u 5 dawn ghandhom jigu assenjati wiehed kull wiehed mill-partijiet billi jittellu' bil-polza.

Fir-rigward tal-garaxx il-kbir li gie stmat Lm60,000 mill Perit Tekniku Mario Cassar, il-Qorti, ma tikkondividix il-hsieb tal-perit legali, li dan ghandu jigi assenjat lill-attrici fl-intier tieghu, b' applikazzjoni tal-artikolu 48 fuq citat. Il-Qorti tosserva li dan hu proprjeta' tal-komunjoni li hadmu ghalih iz-zewg partijiet, il-konvenut billi hadem ghall-introjtu, filwaqt li l-attrici kienet taghmel ix-xoghol id-dar, u tiehu hsieb il-bzonnijiet tal-familja, li fih innifsu, ghandu valur ekonomiku.

Ghalhekk tordna li dan il-fond jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena, ghall-prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont ta' LM60,000 [illum ekwivalenti ghas-somma ta' €139,800]; u fil-kaz li ma jinbighx f' dan il-perijodu, jinbigh bis-subbasta skont il-ligi. Ir-rikavat minn dan il-bejgh jinqasmu ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

*[2] "**Trading Licence***

Fir-rigward, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-partijiet kellhom sub-agency ta' insurance li kienet fuq isem l-attrici, u bil-kunsens tal-konvenut giet trasfeA fuq missierha. Ghalhekk din ma tistax tigi kkunsidrata izjed bhala proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk ma tidholx fil-likwidazzjoni tal-akkwisti.

*[3] Kirjiet matul iz-zwieg*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dan it-titolu fir-rapport tal-Perit Legali li jinsab minn pagna 28 sa pagna 31[8] tar-rapport u taddottah fl-intier tieghu, u qed tannetti kopja tal-

[8] Vol. 5, fols. 1599 – 1602.

istess mal-gudizzju odjern sabiex jaghmel parti integrali mill-istess. [Appendix A – Vol.5 fols.1599 sa 1602]

*[4] In-negozju u vetturi tan-negozju*

Illi din il-Qorti tikkondividi l-osservazzjoni maghmula mill-perit legali li ma jirrizultawx provi sufficjenti sabiex issir il-likwidazzjoni ta' dan in-negozju. Jirrizulta pero' li kien ghad hemm spare parts meta l-attrici telqet mid-dar f' Settembru 2002, liema fatt gie ammess mill-istess konvenut.

Ghalhekk din il-Qorti qed tirrizerva li l-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni ta' din il-parti tal-assi tal-komunjoni jsir f' gudizzju separat fuq talba ad hoc ta' wiehed mill-partijiet.

*[5] Mobbli u Vetturi*

Rigward il-mobbli, il-provi huma skarsi, u l-provi li hemm huma kontrastati mill-partijiet. L-attrici tghid li ghandha tiehu xi oggetti mobbli li kienu fid-dar matrimonjali u li halliethom warajha meta telqet, filwaqt li l-konvenut jghid li l-attrici hadet id-deheb kollu u l-flus kontanti, flimkien mal-ghamara li kien hemm fid-dar. L-attrici tghid li l-ghamara kienet xtratilha kollha ommha, flimkien mal-vettura Peugeot 403.

Illi ghalkemm mill-provi jirrizulta li matul iz-zmien il-konvenut kellu diversi karrozzi fuq ismu, ma jirrizultax dawn x' sar minnhom, kif lanqas jirrizulta l-valur rispettiv taghhom. Lanqas prova sodisfacenti li l-vettura Peugeot giet mixtrija minn omm l-attrici ma hemm. Fil-fatt din ta' l-ahhar ma semmiet xejn fir-rigward, fix-xhieda taghha.

F' dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tistax tillikwida dawn l-assi tal-komunjoni, u lanqas tassenjahom.

*[6] Dejn ma' missier l-attrici*

Jirrizulta li dan id-dejn huwa regolat bi skrittura privata datata 1 ta' Gunju 2001 iffirmata mill-partijiet fuq naha u mill-genituri tal-attrici fuq n-naha l-ohra, quddiem in-Nutar Spiteri u li dwarha ghad hemm kawza pendenti.

Din il-Qorti tirrileva li l-kreditu pretiz minn missier l-attrici ma jistax jigi rizolt f’ dawn il-proceduri, kemm ghax missier l-attrici mhux parti fil-kawza, kif ukoll ghax hemm kawza ohra pendenti fir-rigward. Ghalhekk din il-Qorti qed tillimita ruhha ghall-affermazzjoni li dan id-dejn huwa tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk, jekk jirrizulta dovut, ghandu jigi sopportat miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

*[7] Kontijiet il-Bank*

Il-Qorti taghmel referenza ghal pagni 20 u 21 [fols.1591 u 1592 tal-process] tar-rapport tal-perit legali u taqbel mal-konkluzjonijiet milhuqa fejn il-partijiet ghandhom kull wiehed minnhom izomm il-kontijiet bankarji intesta f’isimihom, kwalunkwe kont kongunt ghandu jinghalaq u jinqasam b’mod ugwali bejn il-partijiet. Inoltre, kull parti ghandha tkun responsabbli ghal kwalunkwe dejn li setghet ghamlet ma xi bank.

*[8] Id-Dar Matrimonjali, s-Showroom Rijas u garaxxijiet ohra fi Triq ir-Raheb Tarxien*

Mill-provi jirrizulta li dawn inbnew fuq art proprjeta’ parafernali tal-konvenut, u ghalhekk huma parafernali tieghu.

Illi l-pretensjoni attrici li meta l-konvenut akkwista l-art qabel iz-zwieg hu, ghalkemm kien deher wahdu fuq il-kuntratt, kien qed jagixxi wkoll fl-interess tal-attrici, mhijiex sorretta minn provi sodisfacenti. Fl-ewwel lok, ghax ma kien hemm xejn x’ jimpedixxi lill-attrici, milli tidher fuq il-kuntratt. Dak iz-zmien l-attrici kellha 19-il sena u kellha gharfien bizzejjed dwar dak li kien qed isir bil-kuntratt tal-akkwist tal-art, tant, li ftit xhur wara, iffirmat skrittura ta’ self bejnha u bejn il-konvenut. Dan jindika li l-attrici kellha gharfien bizzejjed sabiex tissalvagwarda l-interessi taghha hekk kif ghamlet fil-kaz tas-self ta’ flus li hija tat lil-konvenut.

Il-Qorti tosserva li l-pretensjoni attrici li hi kienet partecipi fil-kuntratt tal-akkwist bil-prestanome mhijiex sodisfacentement provata, anzi hija mdghajjfa minn provi ohra.

*[9] Parafernali Attrici*
Is-somma ta' Lm6,000 skont l-iskrittura[9] quddiem in-Nutar C R. Darmanin datata 1 ta' Frar 1988, u allura qabel iz-zwieg, fejn l-attrici selfet dawn il-flus lill-konvenut ghall-kostruzzjoni tal-fond bla isem Triq tal-Barrani, Tarxien. Il-konvenut obbliga ruhhu li jirrifondi tali somma fi zmien tlett snin mid-data ta' l-iskrittura u dan minghajr imghax, ghalhekk oltre is-somma Lm6,000, il-konvenut ghandu wkoll jghaddi l-attrici l-imghax fit- 2 ta' Frar 1991. Izda dan is-self ghandu jibqa' jigi regolat bl-imsemmija skrittura.

*[10] Parafernali Konvenut*
Fir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit legali, u cioe li,

"*Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2007 l-konvenut pprezenta:*

*Dok. JS2 – kuntratt atti Nutar JR Darmanin tal-1 ta' Frar 1990 fejn akkwista LM15,000 parafernali*
*Dok. JS3 – ritratt li juri kompla l-finishing tal-istess u li martu ma harget xejn ghax dawn saru mill-LM15,000 u x-xoghol sar mill-kumpanija ta' huh Cahrles B ta' FDB Limited.*
*Dok. JS4 – 15 il pagna ta' invoices peress li kien biegh sehmu mill-blokk ta' appartamenti ta' Alexander Street B'Bugia (Dok JS2) li jaghmillu dawn ix-xogholijiet bhala parti mill-prezz tal-bejgh*
*Dok JS5 – kuntratt atti Nutar Peter Fleri Soler tat-18 ta' Frar 1991 biegh parti mil-plot li kellu qabel iz-zwieg LM2000*
*Dok JS6 – overdraft ta' LM20,000 li estenda ghal LM45,000 u anke ssellef LM2500 minghand huh Charles B.*
*Dok. JS7 – LM2000 mill-wirt ta' missieru atti Nutar C Debono tat-13 ta' Jannar 2000.*

*Jigi rilevat li Dok JS6 mhux l-overdraft li l-konvenut jghid li ha mill-bank izda huwa skrittura ta' self tal-1 ta' Frar 1990 quddiem n-Nutar C R. Darmanin li tghid li l-konvenut*

[9] Vol. 2, fol. 608.

*ssellef minghand huh Carmel sive Charles B LM2500 li irceva qabel l-1 ta' Frar 1990 bhala self.*

*Dwar Dok JS4 li skont il-konvenut huma l-finishing tal-istess showroom u dar u garaxxijiet, datati 16 ta' Frar 1990, u li skond l-konvenut dawn harighom hu mill-flus li wiret, tenut kont li l-konvenut ipprova bil-kuntratt Dok JS2 (seduta 3/7/2007) li fl-1 ta' Frar 1990 wiret LM15,000, akwista LM2000 minn bejgh ta' plot, wiret LM2000 minghand missieru, l-perit legali hija propensa li temmen lill-konvenut.*

*Il-perit legali tirrileva li stante li l-konvenut stess jammetti li dawn il-flus nefaqhom fil-bini u finishings tax-showroom, garaxxijiet u flat fl-istess art, liema art hija parafernali tieghu, l-konvenut ma jistghax jippretendi li jigu rifuzi lilu dawn il-flus.*

<u>*[11] Dejn taxxa*</u>
F' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-elenku maghmul mill-perit legali a fol.1064 tal-process, li kopja tieghu qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti integrali mill-istess [Appendix B], u tosserva li l-flus kollha li thallsu mill-konvenut qabel ma gie annullat iz-zwieg fil-5 ta' April 2010, ma jirrizultawx li dawn thallsu mill-proprjeta' parafernali tal-konvenut, u ghalhekk il-pagamenti hemm maghmula huma meqjusa li saru mill-flus tal-komunjoni, u ghalhekk l-attrici m' ghandha tirrifondi xejn.

Rigward il-pagamenti li saru mill-konvenut wara l-imsemmija data, il-Qorti tirrizerva li tipprovdi dwarhom wara proceduri separati li fihom jigi likwidat in-negozju tal-vetturi gestit mill-konvenut.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li l-konvenut huwa esklussivament hati tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u dan mit-30 ta' Settembru 2002;

[2]tastjeni li tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante l-fatt li ulied il-partijiet huma llum it-tnejn maggjorenni;

[3] tichad it-tielet talba, filwaqt li tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ sitt mitt ewro manteniment arretrat tat-tifel, hekk kif ordnat fis-sezzjoni ntestat **“Manteniment”;**

[4] tilqa’ r-raba’ u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sazzjonijiet tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

[5] tilqa’ l-hames talba u xxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwidaha u tassenja fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti u Beni Parafernali’;** u tiddisponi mill-proprjeta’ parafernali tal-partijiet kif indikat fl-istess sezzjoni;

[6] tilqa’ s-sitt talba limitatament hekk kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata **‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti u Beni Parafernali’;**

[7] tichad is-seba’ talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------